# Minuti tat-15-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Minuti tal-15-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's li saret nhar l-Erbgħa, 6 ta' Lulju, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson*, is-Sinjura Marlene Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joseph Agius.

Item 2 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Debattista rreferiet għall-bżonn li jitneħħa l-qasab minn trejqa li hemm bejn Triq iż-Żarżarell u Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbet li dan isir fl-iqsar żmien possibli biex ma jkunx hemm aktar periklu għall-vetturi.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar it-*traffic island* li hemm fi Triq San Leonardu maġenb il-*pitch* tal-boċċi u li sservi bħala post fejn wieħed jista' iqatta' ftit ħin, is-Sur Agius qal li x-xogħol kien kważi tlesta u issa jonqos li jitpoġġew ix-xtieli biex b'hekk jitlesta x-xogħol ta' tisbieħ li jrid isir.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius semma l-bżonn li jinbidel *inspection chamber* imkisser li hemm ħdejn id-dar numru 9 fi Triq in-Naħla kif ukoll li tiġi rranġata bozza tixgħel u titfi li hemm ħdejn din id-dar.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li ssir mera fi Triq San Leonardu faċċata ta' Triq il-Marżebb.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li titwaħħal mera mal-ħajt taċ-ċimiterju fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li l-Kumitat jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta twaħħal arblu fi Triq JG Baldacchino biex miegħu titwaħħal il-bozza li hemm bżonn issir.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar il-ħtieġa li titneħħa d-dgħajsa li hemm fi Triq l-Għakrux kif ukoll dgħajsa oħra li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo qal li minkejja li l-Kumitat ressaq l-ilment lill-Ispettur tad-Distrett, fi Triq Alessio Erardi ma' Triq ix-Xgħajra għadu jsir ipparkjar u saħansitra *double parking* fil-kantuniera b'periklu għas-sewwieqa u l-pubbliku ġenerali.

Is-Sur Bartolo semma l-bżonn li jitnaddaf skart u materjal ieħor li hemm fi plot fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li jinbeda x-xogħol ta' tarmak fi Triq Patri Feliċjan Grech kif ukoll li jitnaddaf plot mimlija skart u anke annimali mejta li hemm f'din it-triq.

Is-Sinjura Debattista ppreżentat kopja ta' korrispondenza li ntbgħatet lill-kumpanija Arriva fejn kienu tressqu l-ilmenti tar-residenti ta' St Peter's dwar it-tibdil li kien hemm fis-servizz u r-rotot li tneħħew b'inkonvenjent kbir għar-residenti ta' St Peter's.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħajt perikoluż li hemm fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi tal-*bus shelte.* Is-Sur Bartolo qal li kien irċeva ilment minn persuna li allegat li taħt it-triq fil-post fejn twaħħal il-*bus shelter*, hemm ġiebja li tista' tkun f'periklu li tiġġarraf.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat Amministrattiv illi l-istima biex isir *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb kienet saret u din tammonta għal €35,000. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament li din it-triq tiġi *resurfaced* meta jkun hemm fondi disponibbli biex isir ix-xogħol meħtieġ f'din it-triq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-sittax-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2011.

Marie Elena Debattista
Chairperson